


FOLJU MAHRUĠ DARBA FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA
EDITUR: J. ORLANDO-SMITH

THE ROYAL MALTA LIBRARY

Nru. 163 MARZU, 1953. Nru. 163

# Id-Dinja għaddejja minn żminijiet imwegħra

## Tempijiet li jwaħħxu mnissla minn qawwiet mhux magħrufa

**SA ftit snin ilu konna nisimgħu lix-xjuħ tagħna jgħidulna li aħna għaddejjin minn żmenijiet ta' ward u żahar, l-għaliex la ninsabu milquta minn maltempijiet ħorox u lanqas minn żmenijiet ta' nixfa li huma biss jistgħu jitkellmu dwarhom. "Iż-żmenijiet tbiddlu", kienu jtennu għal kemm-il-darba; "id-dinja ma għadhiex dik li kienet".**

**Li kieku misserijietna kienu għadhom fostna f'dawn l-aħħar ftit snin kienu żgur li jibdew jaħsbuha mod ieħor. Minkejja dak kollu li jista' jingħad ma jiċħad ħadd li t-tempijiet li qegħdin jolqtu lid-dinja juru li sejrin għall-agħar u f'dawn l-aħħar ftit xhur nisslu diżastri li jibqgħu jissemmew għal żmenijiet twal.**

Inħarsu ftit x'għadda minn għala maħluq f'dawn l-aħħar ftit snin. ena u nofs ilu l-Ewropa tat-Tramuntana ġiet milquta minn tempes- li għamlu qirda sħiħa. Irwiefen, ijjetti, għargħar u xita li ftit nifkru bħalha. L-ilmijiet li niżlu fi nien qasir mis-smewwiet, għarrqu liet u fawru xmajjar. F'Malta ġej- milquta minn xita li twaħħax temp ta' ftit ġranet u kellna ħsa- t kbar.

Wara dawn l-ilmijiet kbar bdiet ixfa li ftit jiftakru bħalha u s-sħa- a u l-qilla tax-xemx ħarqet il-kon- nenti tat-tramuntana għal bosta hur.

Malli reġgħet waslet il-ħarifa tas- na li għaddiet reġgħu bdew jaslu ibarijiet dwar tempijiet li jwaħħ- n. Vapuri jegħerqu, silġ ma jaq- ' xejn, u rwiefen li bdew jheżżu ħansitra bini mill-pedamenti tie- hu. Ma' tul Jannar ma kienetx għaddi ġurnata waħda biss li ma najniex b'xi diżastru, u għall-aħ- r ta' dan ix-xahar l-elementi don- hom li tilfu kull kontroll li seta' en hemm fuqhom u, akompanjati inn tempesta ta' 100 mil fis-siegħa, dmu u qerdu bliet u rħula sħaħ bit-telfa ta' eluf ta' ħajjiet u l-għarqa ta' meddiet ta' art għammiela għal eluf ta' mili kwadri.

Frar ukoll wera snien wisq aktar qawwija minn tas-soltu. Is-silġ li niżel ma' tul dan ixxahar ma huwa mfakkar imkien li qatt niżel bħalu. It-toroq ta' bliet mill-akbar kienu miksija bis-silġ għal għoli ta' bosta piedi.

Fiċ-ċokon tagħna ntlaqatna wkoll mill-qilla ta' l-elementi u huwa magħruf li qatt Malta ma ġarrbet sħana daqs li kellna s-sena li għaddiet, jew bard daqs kemm ħassejna f'Jannar u Frar ta' din is-sena.

Għalkemm huwa magħruf li t-tempesti jitqanqlu minn differenza ta' elettriċità fl-ajru, ftit hu magħruf b'eżattezza kif titnissel din l-elettriċità. Ix-xjenzati jaqblu kollha li x-xemx għandha setgħa kbira fuq it-tempijiet tagħna u, minkejja li tinsab 'il bogħod mid-dinja xi 92,000,000 mil, aktarx li hija l-kaġun li toħloq fuq l-art tagħna enerġija li minnha jitnisslu t-tempijiet sħan, jew kiesħa, u din l-enerġija li titfagħlna x-xemx aktarx li tkun imħallta b'enerġija atomika. Dina l-enerġija atomika, li titfagħlna x-xemx, tasal fostna fi frazzjoni żgħira minħabba l-bogħod.

Fuq din it-teorija li fissirna 'l fuq, flimkien mat-turija ta' tibdil kbir fit-tempijiet li daż-żmien qegħdin jolqtuna, ħafna mix-xjenzati waslu għall-konklużjoni li l-ħafna provi li qegħdin isiru bil-bombi atomiki, huma l-ħtija li bħal issa d-dinja tinsab għaddejja minn żmenijiet l-aktar imwiegħra u tnissil ta' tempijiet ta' qilla, li għad iressqu qirda akbar fost l-umanità.

## WIRJA TA' BAQAR U MOGHOZ

It-Tieni Konkors tal-Ħlib organizzat mill-Għaqda għat-Trobbija ta' l-Ifrat, din is-sena sejjer isir fid-19 ta' April, fil-għodu, fil-Qasam tal-Gvern, l-Għammieri, il-Marsa.

L-ewwel premju għall-baqar huwa ta' £40 u tazza; it-tiei premju £20 u tazza; it-tielet premju £10 u tazza. Ir-raba', il-ħames u s-sitta jiġu mogħtijin tazza kull waħda minnhom.

L-ewwel premju tal-mogħoż huwa ta' £12 u tazza; it-teni £8 u tazza; u t-tielet £4 u tazza.

Ħadd ma għandu jonqos li jidħol għal dan il-Konkors u l-pubbliku huma mistieden li jmur jara l-isbaħ baqar u mogħoż li qegħdin jitrabbew f'pajjiżna.

**NHAR ID-19 TA' APRIL, MIT-8 A.M. SA NOFS IN-NHAR.**

## DIRETTUR TAL-BIEDJA

Is-Sur Robert Biasini reġa' daħal iwettaq id-dmirijiet tiegħu bħala Direttur tal-Biedja.

